MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2008

Numru 430/2007

Pulizija
(Spettur Carlo Ellul)

vs

Sean Anthony Rickett

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Sean Anthony Rickett ta’ 20 sena, iben Joseph u Angele nee’ Cummins, imwieled U.K., fl-4 ta’ Awissu 1986 u residenti 62, Triq il-Pellegrinagg, Bormla u detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 348902L (M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fil-15 ta’ April 2007, ghall-habta tat-03:30 a.m. f’ Paceville limiti ta’ San Giljan minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’ periklu car, ikkaguna ferita ta’

natura gravi per natura fuq il-persuna tas-Sur Benjamin Cassar, detentur tal-karta tal-identita' numru 0384887 (M) u dan kif gie hekk iccertifikat minn Dr. Andrew Spina, M.D. Med (Reg. No. 5049). Dan bi ksur ta' l-Artikoli 216, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 14 ta' Mejju 2007 (esebit a folio 5 tal-Process) sabiex dawn il-proceduri jinstemghu u jigu decizi bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-2 ta' Mejju 2007 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi u rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat li fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2008 il-parti civili Benjamin Cassar iddikjara li qed jirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-imputat u xehed li effettivament il-griehi li huwa sofra bhala konsegwenza tal-incident li jifforma l-mertu tal-kawza kienu ta' natura hafifa u li inizialment kien hemm il-hsieb li dawn setghu kienu ta' natura gravi kif jirrizulta mic-certifikat mediku esebit a folio 15 tal-process.

Ghal dawn il-motivi u stante li gie stabbilit li l-griehi sofferti minn Benjamin Cassar bhala konsegwenza ta' l-incident mertu ta' din il-kawza kienu ta' natura hafifa u mhux ta' natura gravi, u stante r-rinunzja da parti tal-parti civile Benajmin Cassar, il-Qorti tiddikjara l-procediment ezawrit in kwantu jirrigwarda l-akkuza migjuba fil-konfronti ta' l-imputat u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------